## PRIM’AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Maħluf Numru 363/2019 MS*

**Oliver Calleja**

**Vs.**

**Rodianne Desira u b’digriet tal-11 ta’ Ġunju 2019**
**is-soċjetà Citadel Insurance plc ġiet awtorizzata tintervjeni**
**fil-kawża *in statu et terminis***

Illum, 25 ta’ Marzu, 2024

Kawża Numru: 4

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors maħluf imressaq mill-attur fl-10 t’April 2019, li permezz tiegħu, wara li ppremetta dan li ġej:

> Illi fil-21 ta' Marzu 2014 ghal habta tas-6.45 p.m. waqt li r-rikorrent kien qieghed ssuq il-mutur bin-numru ta' registrazzjoni FAS 847, propjeta' tieghu, go Dawret Hal-Ghaxaq, Ghaxaq li hija triq principali, gie milqut mill-

vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAT 743 li kienet misjuqa mill-intimata Rodianne Desira li baqghat hierga minn service road markata b'STOP hdejn Dawret Hal Ghaxaq bl-intenzjoni li ddur fuq il-karreggiata opposta u dan kif jirizulta mir-rapport tal-Pulizija hawn anness u mmarkat bhala Dok.OC1;

Illi ghall-incident u konsegwenzjali danni tahti unikament l-intimata Rodianne Desira minhabba imprudenza, imperizija, negligenza u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha;

Illi bhala konsegwenza tal-incident ir-rikorrent mwegga gravament tant li baqa' jsofri minn debilitá permanenti, liema griehi ser ikollhom effetti fit-tul - u dan kif jirrizulta mir-Rapport Mediku mahrug mill-konsulent Thomas Azzopardi hawn anness u mmarkat Dok.OC2 oltre l-hsarat fil-mutur tieghu;

Illi bl-rizultat tal-incident de quo, ir-rikorrent garrab danni damnum emergens li jinkludu spejjez ta' tobba, telf ta' qligh u telf iehor - kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal- kawza; u minhabba l-griehi gravi li garrab b'konsegwenza ta' l-istess incident, ir- rikorrent sofra ukoll danni lucrum cessans minhabba debilita` permanenti [Dok. OC2];

Illi interpellata sabiex tersaq ghall-likwidazzjoni tad-danni sofferti mir-rikorrent in segwitu ta' dan l-incident, permezz ta' ittra ufficcjali datat it-18 ta' Dicembru 2015 u ittra ufficcjali data it-12 ta' Settembru 2017 l-intimata baqghet inadempjenti, u għalhekk gew istitwiti dawn il-proceduri

ipproċeda biex talab lil din il-qorti jogħġobha:

1. Tiddikkjara illi l-intimata Rodianne Desira unikament responsabli ghall-incident fuq deskritt u għad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrab ir-rikorrent, Oliver Calleja b'rizultat ta l-incident awtomobilistiku tal-21 ta' Marzu 2014;

2. Tillikwida d-danni kollha sofferti mir-rikorrent bhala konsegwenza tal-imsemmi incident u dan okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-intimata sabiex thallas kwalunkwe somma ta' danni hekk illikwidata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali tat- 18 ta' Dicembru 2015, l-ittra ufficcjali data it- 12 ta' Settembru

2017, dawk ta` l-ittra ufficcjali pprezentata kontestwalment ma' dan ir-rikors mahluf kontra l-assikurattrici tal-vettura misjuqa mill-intimata, u bl-imgħaxijiet legali skond il-ligi sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimata illi hija minn issa stess ingunt ghas- subizzjoni.

2. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mill-konvenuta fl-24 ta' Mejju 2019[1], li biha ġie eċċepit dan li ġej:

1. Illi l-ewwel talba għandha tiġi miċħuda billi mhux minnu illi l-inċident mertu tal-proċeduri odjerni seħħ minħabba li l-esponenti kienet qed issuq b'negliġenża, imperizja u nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti tat-traffiku, kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazjoni tal-kawża.

2. Illi l-inċident in kwistjoni seħħ bi ħtija esklussiva tar-rikorrent.

3. Illi għalhekk, anke t-tieni talba għandha tiġi miċħuda billi l-esponenti m'hi respsonsabbli għall-ebda danni u m'hemmx danni x'jiġu likwidati favur ir-rikorrent.

4. Illi isegwi illi anke t-tielet talba għandha tiġi riġettata stante li l-eċċipjenti m'għandhiex tkun ikkundannata tħallas danni lir-rikorrent.

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, mhux minnu illi b'konsegwenza tal-inċident in kwistjoni r-rikorrent ġarrab ġrieħi li b'konsegwenza tagħhom qed ibati minn debilità permanenti.

6. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, ir-rikorrent jeħtieġlu jressaq provi tad-danni minnu pretiżi.

7. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, dwar id-danni attwali, ċioè, damnum emergens, ir-rikorrent ma ppreżenta l-ebda dokumentazzjoni in sostenn tat-talbiet tiegħu, u kwindi, billi dawn ma ġewx ippreżentati mar-rikors ġuramentat, għandu jirriżulta li m'hu jippretendi xejn fir-rigward.

8. Illi mingħajr preġudizzju għas-sueċċepit, it-talbiet tar-rikorrent fil-konfront tal-eċċipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li hija kienet koperta b'polza tal-assigurazzjoni skont il-liġi, maħruġa minn MIB Insurance Agency Ltd, fil-kwalità tagħha ta' aġent tas-soċjetà Citadel

[1] A folio 24.

Insurance p.l.c., u għamlet il-claim relattiva mas-soċjetà assikuratriċi tagħha sabiex, jekk ikun il-każ, isir il-ħlas favur min sofra danni mill-inċident in kwistjoni.

9. Illi għalhekk l-eċċipjenti m'għandha tbati l-ebda spejjeż ġudizzjarji rigward dawn il-proċeduri.

B'riżerva għal eċċezzjonijiet ulterjuri skont il-Liġi.

3. Rat ukoll id-dikriet mogħti minn din il-qorti, kif diversament presjeduta, fil-11 ta' Ġunju, 2019[2], li bih ġiet milqugħa t-talba magħmula mis-soċjetà Citadel Insurance plc b'rikors tal-5 ta' Ġunju 2019 sabiex tintervjeni fil-kawża *in statu et terminis*;

4. Rat ix-xiehda u d-dokumenti kollha miġbura, kif ukoll l-atti proċesswali fl-intier tagħhom, flimkien mal-atti tal-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Rodianne Desira" li ġiet deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-13 ta' Frar 2019, liema atti ġew allegati mal-atti tal-kawża odjerna;

5. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet preżentati mill-attur u mill-konvenuta;

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-għeluq magħmula mill-avukati tal-partijiet;

7. Rat li l-kawża hija mħollija għall-udjenza tal-lum sabiex tingħata sentenza;

Ikkunsidrat:

8. Illi din hija kawża dwar inċident stradali li seħħ fil-21 ta' Marzu, 2014 f'Dawret Ħal Għaxaq, għall-ħabta tas-sebgħa neqsin kwart ta' filgħaxija[3]. L-attur kien qed isuq il-mutur tiegħu bin-numru ta' reġistrazzjoni FAS847, filwaqt li l-konvenuta kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni IAT743.

9. Illi huwa biss loġiku li l-ewwel determinazzjoni li għandha ssir mill-qorti tirrigwarda l-kwistjoni tal-ħtija dwar dan l-inċident.

---

[2] A folio 32.
[3] Ara l-okkorrenza li tinsab eżebita a folio 5.

10. Illi l-attur xehed bil-mezz tal-affidavit. Huwa spjega li kien qed isuq il-mutur tiegħu fid-direzzjoni taż-Żejtun. Xehed li f'Dawret Ħal Għaxaq kien hemm traffiku ġej miż-żewġ naħat, u hu kien qed isuq f'distanza ta' madwar vettura u nofs mill-vettura ta' quddiemu, f'pożizzjoni li hu jiddeskrivi «*fin-nofs tal-vettura iżda aktar viċin lejn il-lemin u ċioe iktar viċin lejn il-central strip ħalli l-vetturi fil-karreġġjata tiegħi setaw jarawni u ħalli stajt nara sew dak li kien qed jiġri fit-triq*»[4]. L-attur jgħid li l-konvenuta kienet wieqfa bil-vettura tagħha fil-post immarkat minnu bl-ittra X fuq ir-ritratt li jinsab inserit a folio 42 tal-proċess. L-attur jgħid li kif hu qorob lejn il-post fejn il-konvenuta kienet wieqfa, din f'salt qabdet u ħarġet u saqet għad-dritt fit-triq prinċipali bl-iskop li tmur fil-karreġġjata opposta li tieħu t-traffiku lejn il-Gudja. L-attur jgħid li huwa prova jwaqqaf il-mutur tiegħu biex jevita l-ħabta, iżda ma rnexxielux u baqa' dieħel fil-ġenb tal-vettura tal-konvenuta. L-attur jgħid li l-vettura tal-konvenuta, li kienet miexja, kaxkritu magħha u hu spiċċa mal-art. Jgħid li l-impatt seħħ qrib il-bieba tax-xufier u hu kompla jitkaxkar mal-vettura[5]. Waqt il-kontro-eżami tiegħu, l-attur ċaħad li kien hemm vettura fil-karreġġjata tiegħu li waqfet lill-konvenuta, u sostna li l-konvenuta qalgħet bil-vettura tagħha meta hu kien inqas minn żewġ metri 'l bogħod minnha[6].

11. Illi s-sinjali li jaqsmu ż-żewġ karreġġjati opposti f'Dawret Ħal Għaxaq huma murija fir-ritratt li jinsab eżebit a folio 40, u jikkonsistu minn żewġ linji bojod paralleli għal xulxin li però mhux kontinwi, u bejniethom hemm linji bojod qosra donnhom perpendikulari għaż-żewġ linji bojod li huma paralleli għal xulxin.

12. Illi min-naħa tagħha, l-konvenuta xehdet li dakinhar fil-ħin imsemmi, kien hemm it-traffiku f'Dawret Ħal Għaxaq. Hi xehdet li t-traffiku li kien miexi fid-direzzjoni lejn iż-Żejtun kien qed jinġemgħa mar-*roundabout* ta' Bir id-Deheb, tant li dak it-traffiku kien wasal anki sas-*service road* fejn kienet tinsab hi bil-vettura in kwistjoni. It-traffiku fuq il-karreġġjata l-oħra, u ċjoè dik li tieħdok lejn il-Gudja, kien mexxej u ma kienx hemm vetturi weqfin. Hi riedet tmur lejn il-Gudja, u għalhekk xegħlet id-dawl tal-vettura biex tindika d-direzzjoni li riedet tmur. Tgħid li ma kien hemm ebda sinjal tat-traffiku li jivvjetaha milli taqsam it-triq prinċipali biex tmur fuq il-karreġġjata opposta[7]. Il-

[4] Ara l-affidavit tal-attur a folio 35.
[5] Ara folio 35.
[6] Ara folio 416.
[7] Ara l-affidavit tal-konvenuta, a folio 363.

konvenuta xehdet li, peress li t-traffiku lejn iż-Żejtun kien wieqaf, vettura minnhom ċeditilha biex tgħaddi, u kien għalhekk li hi, wara li ħarset lejn iż-żewġ naħat, bdiet il-manuvra tagħha biex toħroġ lejn il-karreġġjata opposta. Hi tgħid li kif waslet f'dik il-karreġġjata u kważi daħlet kollha kemm hi fiha, semgħet ħoss fuq in-naħa ta' wara tal-vettura misjuqa minnha, fuq in-naħa tal-lemin. Hi xehdet li kien biss f'dan il-mument meta hija rat il-mutur tal-attur, u ċjoè wara li hu ħabat fiha. Hi tgħid li l-mutur kien qed jinstaq mill-attur fuq in-naħa ta' barra tat-traffiku, u l-attur kien qed jaqla' l-vetturi fil-karreġġjata tiegħu, u kien għalhekk li hi ma ratux. Il-konvenuta tgħid ukoll li l-vann li kienet qed issuq ftit li xejn kellu ħsara, tant li kellu biss girfa viċin ir-rota ta' wara fuq in-naħa tax-xufier. Waqt il-kontro-eżami tagħha, l-konvenuta ġiet konfrontata bil-fatt li fuq ir-rapport tal-Pulizija, u ċjoè fil-parti ntitolata "Action Taken", fejn hemm imtenni hi x'qalet lill-Pulizija, hemm imniżżel li l-mutur «*collided into the front wheel of the van*». Il-konvenuta però ċaħdet li hi qalet hekk lill-Pulizija[8].

13. Illi b'konsegwenza tal-ħabta u l-ġrieħi mġarrba mill-attur, ġew involuti uffiċċjali tal-Pulizija, li ħadu rapport kontenenti wkoll id-dikjarazzjonijiet mogħtija mill-kontendenti. Il-konvenuta stqarret *a tempo vergine* li kienet qed issuq f'*service road* bil-ħsieb li toħroġ fit-triq prinċipali lejn id-direzzjoni tal-Gudja, u waqfet fuq is-sinjal tal-waqfien bil-ħsieb li ddur fuq il-lemin. Baqgħet tistenna billi kien hemm volum ta' traffiku għaddej mit-triq prinċipali. Ħin minnhom, kompliet tistqarr il-konvenuta lill-uffiċċjali tal-Pulizija, vettura għaddeja mit-triq prinċipali waqfet u s-sewwieq tagħha għamlilha sinjal biex toħroġ. Kif kienet ħierġa ma rat lil ħadd ġej iżda f'daqqa waħda ġie mutur min-naħa tal-lemin u daħal fiha[9]. Fir-rapport, il-Pulizija niżżlu li l-vettura tal-konvenuta ma kellhiex ħsara. L-attur, min-naħa l-oħra, xi jumejn wara s-sinistru[10] ddikjara mal-Pulizija li huwa kien qed isuq fit-triq prinċipali lejn iż-Żejtun. Hu kien fil-karreġġata tiegħu u ma kienx hemm vetturi maġenbu. Kif qorob lejn il-post fejn seħħ is-sinistru, hu nnota l-vann ħiereġ mit-triq sekondarja iżda ħaseb li kien se jagħtih ċans jgħaddi. Fix-xiehda tiegħu bl-affidavit, l-attur spjega li hawn ried ifisser li hu ħaseb li l-konvenuta kienet se tibqa' wieqfa fuq l-i*stop sign* u tagħtih ċans jgħaddi[11]. Madanakollu, l-vann ħareġ u għalkemm l-attur prova jevitah, ma rnexxielux u seħħet

[8] Ara folio 390 u 391.
[9] Ara folio 6.
[10] Ara x-xiehda ta' Anthony Agius, a folio 115.
[11] Ara folio 36.

il-ħabta[12]. Fir-rapport, il-Pulizija niżżlu li l-mutur kellu l-ħsara fuq in-naħa tax-xellug tiegħu, kif ukoll fir-rota ta' quddiem. Fl-iskizz anness mar-rapport tal-Pulizija[13], il-vettura tal-konvenuta hija murija fuq is-sinjali tan-nofs tat-triq, bil-parti l-kbira tagħha fil-karreġġjata tat-triq li tieħu t-traffiku lejn il-Gudja[14]. Il-mutur tal-attur huwa muri mimdud, bil-parti ta' quddiem tiegħu tmiss mal-vettura tal-konvenuta fuq il-linji tan-nofs tat-triq, filwaqt li l-parti ta' wara tal-mutur hija murija fil-karreġġjata tat-triq li tmur lejn id-direzzjoni taż-Żejtun.

14. Illi rriżulta wkoll li ttieħdu proċeduri kriminali kontra l-konvenuta, li wasslu sabiex b'sentenza mogħtija fit-13 ta' Frar 2019 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-istess konvenuta ġiet meħlusa mill-akkużi dedotti kontra tagħha[15].

Ikkunsidrat:

15. Illi skont l-artikolu 1032(1) tal-Kodiċi Ċivili: «*Jitqies fi ħtija kull min bl-għemil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja*». L-artikolu 1033 tal-Kodiċi preċitat jissokta jgħid li: «*Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni,għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk*».

16. Illi l-prudenza, d-diliġenza u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-familja lkoll jiddettaw, fl-applikazzjoni tagħhom għal fattispeċi rigwardanti s-sewqan ta' vetturi bil-mutur fit-toroq, li kull sewwieq għandu jieħu ħsieb mhux biss josserva r-regolamenti tat-traffiku, iżda wkoll li jħares lejn u jqis it-traffiku ta' madwaru. Fil-kawża ***Joseph Sacco vs. Teresa Borg Olivier*** (Appell Superjuri, 23/2/1962)[16] ġie mfisser li:«*Tnejn huma, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-prinċipji ġeneralment akkolti fid-dottrina u fil-ġurisprudenza, estera u lokali, in materja ta' nċidenti tat-traffiku stradali, li għandhom jirregolaw din*

[12] Ara folio 8.
[13] A folio 13.
[14] Ara wkoll ix-xiehda ta' Anthony Agius, li kien surġent tal-Pulizija fi żmien is-sinistru, a folio 113, kif ukoll ir-ritratti li huma eżebiti a folio 376.
[15] Kopja legali ta' din is-sentenza tinsab eżebita a folio 367.
[16] Kollezz. Vol.XLVI.i.109.

*il-vertenza – 1. Hu obbligu ta' kull driver li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u ċ-ċirkostanzi, bħal ma huma l-ħin ta' bil-lejl, il-viżwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piż tal-vejikolu, l-istat tal-art u rapporti oħra kontinġenti; 2. Hu anki dmir ta' driver li jżomm dik li komunement tissejjaħ "a reasonably careful look-out", liema dmir, kif ġie perspikaċement osservat fit-testi in materja, iġib miegħu wkoll dak li d-driver jara dak li jkun raġjonevolment viżibbli*».

17. Illi fir-rigward tad-dmirijiet tas-sewwieqa ta' toroq prinċipali u sekondarji fl-inkroċji li jirriżultaw bejn l-istess toroq, din il-qorti ssib partikolarment utili s-segwenti riassunt ta' prinċipji kaptat mid-deċiżjoni ***Il-Pulizija vs. Anthony Galea*** (Appell Kriminali, 5/9/1953)[17]:

   1. "A driver approaching a main road from a side road must have his vehicle under such control as to be prepared for any traffic encountered there… When coming from a side road into a main road, the driver of a vehicle should select such a moment as will allow him to enter the main road with safety…
   2. "It is the duty of side road traffic to give way to traffic proceeding along the main road"…
   3. "Caution from the main road user is also called for at these junctions" … "But whilst there is this duty on vehicles coming from the side road, it is also the duty of vehicles on the main road approaching a side road to do so with caution";
   4. "The duty of a driver whose course is calculated to disturb the ordinary stream of traffic on the road is of a higher order. The more risky and difficult the manouevre is, the greater the duty incumbent on the driver. In the sense, therefore, that turning out of a side road into a main road is more difficult than continuing a main road, the side road's driver is higher…
   5. "The actual precautions called for in any particular situation are a practical question, and depend on the facts of the particular situation…

18. Konformement ma' dan, ġie wkoll miżmum li: «*"Il-main road user ghandu wkoll l-obbligu li joqghod attent imma l-grad ta' diligenza li jinkombi lilu hu ferm anqas minn dak tas-side road user ghax hu ma jkunx qieghed jiddisturba l-kors tat-traffiku, imma jkun miexi ghad-dritt. " (Ara App. Civ.* ***Mag. A. Stagno Navarra vs N.Saliba*** *Vol XLV*

[17] Kollezz. Vol.XXXVII.iv.1137.

*p1 p 389;* ***Il-Pulizija vs G. Buttigieg et*** *Vol XLV11 p4 p 1198; VOl XLV1 p1 p 112;* ***Camilleri vs Dimech*** *App Civ. 27.7.91;* ***Portelli vs Spiteri*** *PA/JSP 16/12/93;PA* ***Gauci Maistre vs Galea*** *22.2.94 JSP)*»[18].

19. Illi l-kontendenti jagħtu verżjonijiet kontrastanti tal-punti saljenti tal-inċident li kellhom snin ilu. Jaqblu biss fuq il-fatt li l-attur kien qed isuq il-mutur fit-triq prinċipali fid-direzzjoni lejn iż-Żejtun, filwaqt li l-konvenuta riedet toħroġ minn triq sekondarja fl-istess triq prinċipali imma fid-direzzjoni tal-Gudja, billi taqsam mill-karreġġjata li minnha kellu jgħaddi l-attur. Fuq iċ-ċirkostanzi prevalenti fil-mument tal-ħabta, l-kontendenti ma jaqblux. Naturalment, dak deċiż favur il-konvenuta f'sede penali bl-ebda mod ma jorbot idejn din il-qorti, billi huwa prinċipju akkolt dak li jżomm awtonomi l-azzjonijiet ċivili minn dawk kriminali. Prinċipju dan li ġie elevat għall-istat ta' norma pożittiva tal-liġi bis-saħħa tal-artikolu 3 tal-Kodiċi Kriminali. Kif osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-deċiżjoni ***Onor. Paul Boffa, M.D., O.B.E., M.L.A., ne et vs. Paul Zammit*** (6/2/1950)[19]: «*Illi huwa risaput li l-azzjoni kriminali u l-azzjoni ċivili (l-azzjoni hekk imsejħa fis-sens estiż tad-dritt privat) jappartjenu t-tnejn, kull waħda minnhom fl-isfera tagħhom, għal kriterji distintissimi li juru u jissenjaw żewġ ordnijiet ta' fattijiet umani li għandhom in komun il-vjolazzjoni tad-dritt, bid-differenza bejniethom ta' l-entità tal-vjolazzjoni u tal-forza perturbatriċi li dika l-istess forza teżerċita. Il-mezzi li l-liġi tuża sabiex tirripara u tirrestitwixxi d-dritt vjolentement spostat fuq il-bażi tiegħu huma diversi, kif inhuma diversi r-riżultati…*».

20. Illi l-verżjonijiet kontrastanti li jagħtu l-kontendenti f'kawża m'hijiex ħaġa ġdida fil-kamp tal-litigazzjoni, u huwa fatt li l-qorti, li hi fid-dmir sagrosant li tfittex il-verità, jkollha f'dik it-tfittxija tagħha tirrikorri għal mezzi oħrajn lil'hinn mit-testimonjanza tal-partijiet biex tipprova tippenetra s-sewwa minn dak li jkun intqal lilha fid-diversi stadji tal-proċess ġudizzjarju. Fost dawk il-mezzi l-oħra, l-qorti għandha dik tal-korraborazzjoni, li tinvolvi t-tfittxija ta' elementi probatorji oħrajn li jsaħħu jew inkella jdgħajfu l-verżjonijiet mogħtija mill-partijiet. Hemm ukoll il-mezz u l-għodda tal-verosimiljanza[20], li permezz tagħha l-qorti hija leġittimata li tikkonkludi li hija dik il-

[18] ***Michael Grech vs. Malcolm Robert Woolsey*** (Prim'Awla, 13/10/2003).
[19] Kollezz. Vol.XXXVII.ii.480.
[20] «*…per giudicare se un fatto è verosimile o inverosimile, ricorriamo, senza bisogno di una diretta ricerca storica sulla sua concreta verità, a un criterio di ordine generale già acquisito in precedenza mediante l'osservazione del* quod plerumque accidit*: poichè l'esperienza ci insegna che fatti di quella stessa categoria avvengono*

verżjoni li l-aktar li għandha l-aktar minn lewn id-dinja li hija allura, u aktarx, is-sewwa (ara ***Joseph Borg et vs. Joseph A. Bartolo***, Appell Inferjuri, 25/6/1980).

21. Issa din il-qorti ħasbet fit-tul dwar dak li xehdu l-kontendenti, kemm f'dawn l-atti u kemm fl-atti tal-kawża kriminali. U mir-riflessjonijiet li hija għamlet fir-rigward, hija qed tasal għall-konvinċiment li hija l-verżjoni tal-konvenuta dik l-aktar meritevoli t'affidament.

22. Ibda biex, skont l-attur, il-konvenuta ħarġet mit-triq sekondarja biss meta huwa kien inqas minn żewġ metri 'l bogħod minn fejn hi kienet wieqfa, fl-istess triq sekondarja. Din il-verżjoni, li l-attur baqa' jsostni partikolarment waqt il-kontro-eżami tiegħu quddiem din il-qorti, kif diversament presjeduta, waqt l-udjenza tal-11 t'April 2022 (ara folio 416), la tista' titqies verosimili – billi għal din il-qorti ma jagħmel ebda sens li l-konvenuta saqet prattikament fuq l-attur meta kien tant viċin tagħha u ma setgħetx ma tarahx – u aktar impellenti minn hekk lanqas ma hija korraborata mill-iskizz li sar mill-Pulizija b'rabta mal-inċident. L-inkonsistenza bejn il-verżjoni tal-attur, u partikolarment dan l-aspett ta' dik il-verżjoni, mal-iskizz hija ravviżata fil-fatt li mill-istess skizz jidher li l-vettura tal-konvenuta kienet kważi ittraversat għal kollox il-karreġġjata tal-attur. Il-qorti jidhrilha li kieku l-konvenuta tassew ħarġet mit-triq sekondarja meta l-attur kien inqas minn żewġ metri 'l bogħod minnha, l-impatt tal-mutur mal-vettura misjuqa mill-konvenuta ma kienx ikun mal-ġenb tagħha, imma mal-parti ta' quddiem tal-vettura tal-konvenuta, għaliex il-prossimità tal-attur kienet teskludi l-possibilità li l-vettura tal-konvenuta tilħaq tittraversa kompletament quddiem il-mutur tal-attur kif jirriżulta li sar.

23. Il-qorti żammet f'moħħha li l-attur indarab fl-inċident u għalhekk huwa possibbli li l-memorja tiegħu dwar id-dinamika ma tkunx preċiża. Jista' jkun, allura, li l-attur kien aktar 'l bogħod minn żewġ metri mill-post fejn il-konvenuta kienet wieqfa fit-triq sekondarja meta din iddeċidiet li ssuq. Din l-ipoteżi ġiet ukoll ikkunsidrata mill-qorti, iżda ġiet skartata wkoll billi hija kompletament inkonsistenti mal-bqija tal-verżjoni li l-

---

*normalmente in circostanzi simili a quelle che si riscontrino nel caso concreto, si desume da questa esperienza che anche il fatto in questione si presenta coll'apparenza di esser vero; e viceversa si conclude che esso è inverosimile, quando, pur potendo esser vero, sembra però in contrasto col criterio suggerito dalla normalità»* (***Piero Calamandrei***, Opere Giuridiche, Vol.V, Sez.V, Cap.XXV, §5).

attur tant insista fuqha. L-attur fil-fatt sostna li t-traffiku fil-karreġġjata tiegħu kien mexxej (kuntrarjament għal dak sostnut mill-konvenuta), u li hu kien qed isuq distanza ta' vettura u nofs mill-vettura ta' quddiemu, b'dan li kien qed isuq fuq in-naħa tal-lemin tal-karreġġjata tiegħu stess, bil-għan li l-vetturi ta' quddiemu jkunu jistgħu jilmħuh mill-mera. Imma jekk tassew kien hemm vettura oħra quddiemu miexja, u hu kien biss distanza ta' vettura u nofs warajha, lanqas ma huwa spjegat kif il-konvenuta irnexxielha ssuq minnufih malli għaddiet minn quddiemha l-vettura li kienet quddiem l-attur, tasal sal-karreġġjata opposta sabiex imbagħad jaħbat mal-ġenb tal-vettura tagħha l-attur. Dan kollu fil-ħin tant qasir li seta' għadda biex seħħ dak ipotizzat mill-attur.

24. Illi l-qorti, meta ġiet biex tiżen il-verżjonijiet tal-kontendenti, qieset b'mod partikolari dawk il-verżjonijiet ukoll fir-rigward tal-kompatibilità tagħhom mal-iskizz tal-inċident. Dan l-iskizz jissuffraga l-verżjoni tal-konvenuta, u ċjoè li hija kienet prattikament ħarġet fil-karreġġjata opposta tat-triq prinċipali meta seħħet il-ħabta, u li l-attur kien qiegħed jissorpassa lill-vetturi li kienu weqfin fil-karreġġjata tiegħu. L-ispjegazzjoni tal-attur li hu ġie mkaxkar mill-vettura tal-konvenuta wkoll m'hijiex suffragata mill-bqija tal-provi, billi minnhom ma jirriżultax li seħħet ħsara fil-vettura tal-konvenuta li hija kompatibbli mat-tkaxkir spjegat mill-attur.

25. Meta l-attur xehed fil-kawża kriminali, u ċjoè fl-udjenza li nżammet fit-13 ta' Settembru 2017, fil-kontro-eżami tiegħu huwa kien pressat fir-rigward tal-verżjoni tal-konvenuta li kien hemm vettura li waqfitilha biex tgħaddi:

> Difiża: Però xi ħadd ċedieli l-vann biex joħroġ għax kif qed tgħid inti, int kont fil-main road. Jiġifieri xi ħadd ċeda biex joħroġ minn fuq l-istop sign.
> Xhud: Il-karozza ta' quddiemi, jew ma ratniex wara l-karozza l-oħra u ħarġet ġo fija.

26. F'dik l-okkażjoni, l-attur aċċetta l-ipoteżi li l-karozza ta' quddiemu waqfet lill-konvenuta biex tgħaddi. Ipoteżi li huwa però eskluda dejjem f'kull okkażjoni li huwa xehed fiha waqt din il-kawża. Hekk ukoll, waqt il-kontro-eżami tiegħu fl-udjenza tal-11 t'April 2022, l-attur wieġeb f'ħin minnhom: «*Traffic kien hemm imma mexxej bil-mutur tibqa' għaddej…*» (folio 410). Dik il-frażi - «bil-mutur tibqa' għaddej» hija biss

konsistenti ma' dinamika li fiha l-attur kien qed isuq bil-mutur tiegħu maġenb it-traffiku li kien hemm fil-karreġġjata tiegħu. Altrimenti l-kliem "bil-mutur" jiġu superfluwi.

27. Il-qorti jidhrilha li huwa aktar verosimili li, biex il-konvenuta ħarġet mit-triq sekondarja fejn kienet tinsab, kien hemm vettura li waqfitilha u tagħtha ċans biex toħroġ. Dan huwa konsistenti anki mal-fatt li f'dak il-ħin tal-ġurnata u f'dik it-triq partikolari, ikun hemm volum konsiderevoli ta' traffiku għaddej minn Dawret Ħal Għaxaq. U la darba l-vettura ta' quddiem l-attur waqfet jew kienet wieqfa sabiex tgħaddi l-vettura tal-konvenuta, isegwi li l-attur, biex wasal sal-vettura tal-konvenuta, kien jew qed jadopera l-manuvra tas-sorpass, inkella kien qed isuq b'mod parallel mat-traffiku fil-karreġġjata tiegħu.

28. Issa l-ġurisprudenza li diġà rriferiet għaliha din il-qorti fis-sentenza tagħha iżżomm b'mod konsistenti li anki l-utenti tat-toroq prinċipali għandhom id-dmir li jkunu kawti u jsuqu bid-debita diliġenza, anki jekk l-oneru gravanti fuqhom huwa ta' piż anqas minn dak li jaggrava l-utenti tat-toroq sekondarji li jridu jaċċedu għat-toroq prinċipali. Fil-fehma ta' din il-qorti, anki fuq l-iskorta tal-istess ġurisprudenza, id-dmir tal-utent tat-triq prinċipali jkun aċċentwat fejn joqrob inkroċju ta' toroq. Dan *multo magis* fil-każ tal-attur, li kien fl-epoka rilevanti jagħmel użu frekwenti minn din l-istess triq u allura kien familjari sew magħha. Meta allura l-attur kien qed joqrob lejn punt fit-triq prinċipali li miegħu hemm inkroċju ma' triq sekondarja, huwa kien fid-dmir li juża prudenza akbar fis-sewqan tiegħu, u mhux jadopera f'dak il-mument manuvra perikoluża meta l-viżwali tat-triq kienet limitata minħabba l-karozza jew karozzi weqfin ħdejh jew quddiemu. Fil-kuntest tad-dinamika tal-inċident kif stabbilita minn din il-qorti, huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet mid-deċiżjoni ***Joseph Demicoli vs. Marco Desira*** (Prim'Awla, 4/10/2016), li jattaljaw ruħhom perfettament għall-każ odjern:

> Propju dwar din il-prassi ta' sewqan da parti ta' sewwieqa tal-muturi li jsuqu *parallel* mal-vetturi fit-traffiku, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Raymond Azzopardi vs Denise Buhagiar, deċiża fis-16 ta' Diċembru 2004, qalet hekk:
>
> "*Però anke li kieku, għall-grazzja ta' l-argument, il-ħabta seħħet fil-karreġġjata tal-vetturi telgħin it-tela' – u mhux fil-karreġġjata opposta – din il-Qorti xorta waħda hija tal-fehma li l-ħabta seħħet unikament minħabba nuqqas ta'*

*attenzjoni u prudenza da parti ta' l-attur. L-attur jippretendi li huwa kien qed jissorpassa b'mod regolari. Din il-Qorti assolutament ma taqbilx. Meta si tratta ta' karreġġjata waħda fl-istess direzzjoni, bħalma kien il-każ odjern, sorpass ifisser li l-vettura li tkun wara vettura oħra (irrispettivament minn jekk waħda hix motorcycle u l-ohra karozza) taqbez lil dik ta' quddiemha biex tieħu postha quddiem dik il-vettura li tkun hekk inqabżet. F'dan il-każ ma kien hemm ebda manuvra ta' sorpass f'dan is-sens, iżda kien hemm sempliċement manuvra min-naħa ta' l-attur (u possibilment anke sieħbu ieħor li kien fuq mutur ieħor warajh) "to jump the queue" tal-vetturi li kienu telgħin bil-mod it-tela' tax-Xemxija billi joħolqu "flow" ta' traffiku parallel għal dak li kien tiela f'karreġġjata waħda li suppost tieħu linja waħda ta' traffiku u mhux tnejn. Huwa għalhekk li l-attur jgħid – ara d-deposizzjoni aktar 'l fuq riportat – li huwa kien qed isuq fil-"lane" tiegħu però fuq in-naħa ta' barra ta' dak il-"lane". Huwa għalhekk ukoll li huwa ma ndunax bl-iSkoda li kienet waqfet għax ma kienitx l-intenzjoni tiegħu li jsib postu quddiem din il-karozza iżda li jibqa' jsuq parallelament mas-serbut tal-karozzi, ħafna minnhom weqfin. Din hija prassi, speċjalment fejn si tratta ta' motorcycles, sfortunatement prevalenti ħafna iżda li però hija wkoll perikoluża ħafna. Sewwieqa ta' motorcycles għandhom jiftakru li proprju minħabba d-daqs u l-konfigurazzjoni tal-vettura tagħhom, huma anqas viżibbli minn karozza, u meta joħolqu "flow" ta' traffiku parallel għal dak li jkun għaddej minn karreġġjata singola ikunu qed jirriskjaw li jaħsdu kemm vetturi li jkunu sejrin fl-istess direzzjoni kif ukoll vetturi li għal xi raġuni jkollhom jaqsmu dik il-karreġġjata*."

F'din il-kawża, il-Qorti tal-Appell qablet mal-konklużjonijiet tal-Ewwel Qorti li l-konvenuta li kienet ħierġa minn side street għal fuq triq prinċipali ma kinitx responsabbli għall-inċident minħabba li hija kienet ħadet il-prekawzjonijiet kollha qabel saqet iżda bil-mod li kien qiegħed jinstaq il-mutur tal-attur parallel għall-flow ta' traffiku ta' vetturi, il-konvenuta ma setgħetx tarah. B'żieda ma dan, kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Horace Balzan Falzon Wintrup vs Joseph Attard, deċiża fit-30 ta' Lulju 2010:

"*Issa, hija prassi prevalenti -- għalkemm waħda li ġiet kastigata bħala perikoluża ħafna minn din il-Qorti, diversament komposta -- li meta t-traffiku jkun miexi bil-mod jew ikun wieqaf, il-mutur meta mqabbel ma' vettura hu iżgħar u idjaq fid-daqs tiegħu u għalhekk għandu l-vantaġġ li jista' jibqa' għaddej fi triqtu minn bejn il-vetturi li jkollu quddiemu. Iżda, l-grad ta' responsabbiltà tas-sewwieq ta'*

*mutur hu ferm għola minn dak ta' sewwieqa oħra. Biex igawdi l-vantaġġ li jista' jimmanuvra bejn il-vetturi li jsib fil-karreġġjata tiegħu, irid joqgħod attent ħafna u jieħu l-prekawzzjonijiet kollha meħtieġa, irid jagħti każ tas-sinjali tat-traffiku u l-marki tat-triq u jobdi r-regolamenti tat-traffiku. Il-paragrafu 74 tar-"Rules for Motorcyclists" tal-Highway Code jipprovdi li: "You should be aware of what is behind you and to the sides before manoevring. Look behind you; use the fitted mirrors. <u>When overtaking traffic queues look out for pedestrians crossing between vehicles and vehicles emerging from junctions</u>.*" (sottolinear ta' din il-Qorti).'

Il-Qorti tal-Appell għamlet riferenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Ingliż fl-ismijiet Brooks vs Burgess, deċiża fid-29 ta' Ottubru 1996 fejn Lord Justice Simon Brown jagħmel is-segwenti osservazzjonijiet:

"*He was not going fast in the sense that he was going over the speed limit. I found that he was going well under the speed limit of 20 miles an hour. But, nevertheless, it would have behoved him to take extra care at the junction and, indeed, the authority, particularly of Clarke v Winchurch [1969] 1 All.ER 275 at page 277, says this, reading from the judgment of Lord Justice Phillimore: 'If you have a small vehicle like a bicycle or motorcycle, you are in the fortunate position of taking up so little roadspace that you can slide in the offside but if you choose to do this it does seem to me to warrant a very, very high degree of care indeed because you are blinded to a great extent to what goes on on the lefthand side of the road. You must therefore continue to ride or drive in such a way that you can immediately deal with an emergency.*"

29. Imbagħad fil-verżjoni li l-attur ta lill-Pulizija wara l-inċident, huwa ddikjara li ħaseb li l-vann kien se jtih ċans jgħaddi. Fl-affidavit tiegħu, u kif ukoll fil-kontro-eżami, l-attur elabora li hawnhekk kien qed jirreferi għall-vann wieqaf fit-triq sekondarja u li dak li ried ifisser huwa li ħaseb li l-vann mhux se jsuq minn fejn kien qabel jgħaddi hu. Din il-qorti taqbel ma' dak sottomess mill-konvenuta fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha li dik id-dikjarazzjoni magħmula mill-attur tant viċin il-jum tal-inċident pjuttost turi li l-attur kien ra li l-konvenuta bdiet il-manuvra tagħha. Wara kollox, viżwalment il-vann li kellha l-konvenuta kien jidher aktar mill-mutur li kien qed isuq l-attur, u huwa aktar verosimili li l-attur lemaħ il-vann tal-konvenuta ħiereġ mit-triq sekondarja iżda ħaseb li hu kien se jilħaq jgħaddi u għalhekk ma kellux għalfejn jieqaf.

30. Kemm fix-xiehda tiegħu u kemm fis-sottomissjonijiet tiegħu, l-attur jattribwixxi negliġenza lill-konvenuta minħabba l-fatt li hija kellha toħroġ fit-triq prinċipali fid-direzzjoni lejn iż-Żejtun u ddur mar-*roundabout* biex tmur lura lejn il-Gudja, minflok taqsam il-karreġġjata tiegħu biex tmur fil-karreġġjata opposta. Iżda din il-kontenzjoni tal-attur hija karenti minn fondament. Dan hu hekk għaliex, fl-ewwel lok, mill-provi ma rriżulta bl-ebda mod li l-manuvra mwettqa mill-konvenuta kienet vjetata mir-regolamenti tat-traffiku. L-argumenti u l-konġetturi magħmula fir-rigward ta' kif kienet stampata fit-triq il-kelma "Stop" (u ċjoè jekk hux perpendikulari għal linja l-bajda jew inkella angolata magħha) u xi jfissru l-linji l-bojod fin-nofs tat-triq prinċipali ma jwasslu bl-ebda mod għall-konklużjoni li dak li għamlet il-konvenuta kien kuntrarju għar-regolamenti tat-traffiku. Barra minn hekk, u fit-tieni lok, huwa miżmum li l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku mhux biżżejjed biex tiġi radikata l-ħtija ċivili għal sinistru jekk il-ksur in kwistjoni ma jirriżultax li huwa l-kawża prossima tas-sinistru. «*Fuq l-awtorità tal-Gibb (Motor Accident Cases, p.32), "the violation of the rule of the road is not conclusive evidence of negligence. Such a violation will not bar a party's recovery unless it was the proximate cause of the injury". Ara a propożitu fuq dan is-suġġett deċiżjonijiet fl-ismijiet "Il-Pulizija -vs- Anthony Galea, Appell Kriminali, 5 ta' Settembru 1953; "Dr Louis Bianchi nomine -vs- Roberta Patiniott", Appell, 7 ta' Ottubru 1997 u "Lawrence Caruana -vs- Anthony Falzon", Appell, 5 ta' Ottubru 2001*» (***Carmelo Scerri vs. Esther Darmanin***, Appell Inferjuri, 20/10/2003).

31. Illi l-attur irrefera wkoll għall-fatt li f'parti mir-rapport tal-Pulizija hemm imniżżel li l-mutur tiegħu ħabat mal-parti ta' quddiem tal-ġenb tal-vann misjuq mill-konvenuta. Il-qorti fliet dan ir-rapport, kif ukoll l-atti proċesswali tal-kawża penali, u ma jidhrilix li dik id-dikjarazzjoni tista' toqgħod fuqha. Fl-ewwel lok, fil-parti fejn hemm imniżżla l-verżjoni tal-konvenuta, imkien ma hemm imniżżla dikjarazzjoni bħal dik, li minflok tinsab fil-parti tar-rapport intitolata "Action Taken". Il-qorti tifhem li kieku l-konvenuta tassew qalet lill-uffiċċjali tal-Pulizija li l-mutur ħabat mar-rota ta' quddiem tal-vann tagħha, dik il-parti tad-dikjarazzjoni kienet tkun inkluża mal-kumplament tad-dikjarazzjoni tagħha fl-istess rapport. Barra minn hekk, fl-affidavit eżebit fil-kawża kriminali u magħmul mis-Surġent Agius (li xehed ukoll f'din il-kawża ċivili), imkien ma jirrepeti dan ix-xhud din il-parti tad-dikjarazzjoni li l-konvenuta suppost għamlet miegħu. Fil-verità, il-provi mressqa mill-kontendenti dwar il-ħsara li saret jew ma saritx fil-vettura misjuqa mill-konvenuta huma kompletament inkonklussivi, u la darba l-

oneru tal-prova kien mixħut fuq l-attur, l-insuffiċċjenza tal-prova relattiva timmilita wkoll kontra t-teżi tiegħu.

32. Illi għalhekk il-qorti qiegħda tasal għall-konklużjoni li l-inċident seħħ bi ħtija tal-attur, li jew kien qed isuq b'mod parallel mat-traffiku fil-karreġġjata tiegħu, jew inkella kien qed jissorpassa l-vettura ta' quddiemu li waqfet lill-konvenuta biex toħroġ mit-triq sekondarja. Fiż-żewġ ipoteżijiet, isegwi li l-attur, bħala sewwieq ta' mutur li kien qed jadopera manuvra perikoluża kif ukoll bħala utent ta' triq prinċipali f'inkroċju ma' triq sekondarja, naqas għal kollox milli jadopera dak il-qies ta' prudenza u diliġenza li kien mistenni minnu fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Il-konvenuta, min-naħa tagħha, stenniet li tingħata l-opportunità minn vettura oħra qabel bdiet il-manuvra tagħha, u ma jirriżultax li rat jew setgħet tara lill-mutur tal-attur li kien qed jiġi osturat mit-traffiku li kien parallel għalih, kif fuq spjegat.

33. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi, wara li tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuta, tiċħad it-talbiet kollha tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur